**L-iskultur Anton Agius**

Imwieled fir-Rabat (Malta), Anton Agius (1.12.1933 – 19.10.2008) beda l-apprentistat tiegħu fl-arti taħt il-gwida ta' Joseph Galea. Huwa studja l-arti fi ħdan is-Soċjeta Maltija għall-Arti, Manifattura u Kummerċ bejn l-1950 u l-1953. Kompla bl-istudji tiegħu fl-Iskola tal-Arti taħt il-gwida ta' George Borg. Fl-1957, Agius ingħata *scholarship* mill-Gvern u mar jistudja ġewwa l-Italja (*Scuola del Nuda dell Associazione Aritstica Internazionali* fi ħdan l-*Accademia di Belle Arti* ta'Ruma). Kompla jitħarreġ fis-*St Martin's School of Art* ġewwa Londra, fejn kiseb diploma fid-disinn, immudellar u l-iskultura.

Fost karigi oħra Agius kien għalliem tal-arti fl-iskejjel sekondarji, lecutrer fl-Universita' ta' Malta, eżaminatur għall-*Oxford 'O' Level Ceramics* u membru tal-*Malta Aesthetics Board*. It-talent tiegħu ġie rikonoxxut meta rebaħ għadd ta' premjijiet fosthom l-ewwel premju fil-*Human Rights Art Exhibition* (1968), *Onorificenza Del Dio Pan* f'Firenze (1979), *Artist of the Year Award* (1980), *Targa d'Onore* (1982) u ġie fit-tieni post fil-*First International Art Biennale* ta' Malta (1995).

Ħafna mix-xogħlijiet ta' Agius jinstabu f'kollezzjonijiet privati madwar id-dinja. Fost ix-xogħlijiet l-aktar famużi ta' dan l-iskultur insibu l-Monument tal-Ħaddiema fl-Imsida, il-Munument tal-31 ta' Marzu 1979 fil-Birgu, il-Monument ta' Dun Mikiel Xerri u Sħabu fil-Belt Valletta, il-mounment ta' Monsinjur G. DePiro fir-Rabat, il-mounment ta' Manwel Dimech fil-Belt Valletta, l-istatwa ta' Guze Ellul Mercer f'Ħad Dingli, il-Monument għall-Vittmi tas-Sette Gugno fil-Belt Valletta, il-bust ta' Anton Buttiġieġ fil-Qala (Għawdex) u tant oħrajn.



Huwa esebixxa ix-xogħlijiet tiegħu f'diversi esebizzjonijiet ta' livell fosthom dik li saret fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti (1974 u 1979), il-*Malta Sculptures and Ceramics Exhibition* li saret fil-Galleria Feniċi (1981), l-*Art'84 Malta Exhibition* (1984) u l-*Public Service Week Art Exhibition* (1996).

Agius inħatar membru tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu fl-2005. Fl-2007 huwa irċieva il-Midalja tad-Deheb mis-Soċjeta Maltija għall-Arti, Manifattura u Kummerċ.

***Referenzi:***

http://president.gov.mt/media-all/il-president-ta-malta-marie-louise-coleiro-preca-inawgurat-ufficjalment-monument-iddedikat-lill-markiza-anna-bugeja-gewwa-san-pawl-il-bahar/

http://www.gov.mt/en/Government/Press%20Releases/Press%20Photos/Pages/2016/September/17/OPR-1.aspx

https://www.google.com.mt/webhp?sourceid=chrome-instant&ion=1&espv=2&ie=UTF-8#q=Monument+markiza+bugeja&start=0

http://www.tvm.com.mt/en/news/the-countess-who-built-st-pauls-bay-parish-church-and-aided-the-poor/

http://artsmalta.org/award/agius-anton/